

KLEIN TRADEMARK TRUST vs UASI — ZAFRA MARROQUINEROS (CK CREACIONES KENNYA)

SENTENZA TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (Is-Sitt Awla)

7 ta' Mejju 2009 *

Fil-Kawża T-185/07,

Calvin Klein Trademark Trust, stabbilita f'Wilmington, Delaware (l-Istati Uniti), irappreżentata minn T. Andrade Boué, I. Lehmann Novo u A. Hernández Lehmann, avukati,

rikorrenti,

vs

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), irappreżentat minn Ó. Mondéjar Ortuño, bħala aġent,

konvenut,

il-parti l-oħra fil-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, hija

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Zafra Marroquineros, SL, stabbilita f'Caravaca de la Cruz (Spanja), irrappreżentata minn J. Martín Álvarez, avukat,

li għandha bħala suġġett rikors ppreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' Marzu 2007 (Każ R 314/2006-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Calvin Klein Trademark Trust u Zafra Marroquineros, SL,

**IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ (Is-Sitt Awla),**

komposta minn A. W. H. Meij, President tal-Awla, V. Vadapalas (Relatur) u E. Moavero Milanesi, Imħallfin,

Reġistratur: K. Andová, Amministratur,

wara li rat ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fid-29 ta' Mejju 2007,

wara li rat ir-risposta tal-UASI ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-3 ta' Ottubru 2007,

wara li rat ir-risposta tal-intervenjenti ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-3 ta' Ottubru 2007

wara li rat ir-risposta tal-intervenjenti għall-mistoqsija bil-miktub tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' ġunju 2008,

wara li rat il-bidla tal-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti tal-Prim'Istanza,

wara li rat l-għażla ta' Imħallef ieħor sabiex tkun kompletata l-Awla wara l-impediment ta' wieħed mill-membri tagħha,

wara s-seduta tat-8 ta' Lulju 2008

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

¹ Fis-7 ta' Ottubru 2003, l-intervenjenti, Zafra Marroquineros, SL, ippreżentat applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja fl-Uffiċċċu għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146), kif emendat.

- 2 It-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni huwa s-sinjal verbali CK CREACIONES KENNYA.
- 3 Il-prodotti li għalihom ġiet mitluba r-reġistrazzjoni jaqgħu taħt il-klassijiet 18 u 25 tal-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali tal-prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tat-trade marks tal-15 ta' Ġunju 1957 kif irrivedut u emendat, u li jikkorrispondu, għad-deskrizzjoni segwenti:
- Klassi 18: “Għilda u imitazzjoni tal-ġilda u oġġetti ta’ dan il-materjal mhux inklużi fi klassijiet oħra; ġlud tal-animali; bagolli u basktijiet tal-ivvjaġġar; umbrelel, parasoli u bsaten; frosti u oġġetti tas-sarraq”;
 - klassi 25: “Ħwejjeġ, żraben u kpiepel”.
- 4 Din l-applikazzjoni ġiet ippubblikata fil-Bulletin tat-trade marks Komunitarji Nru 23/2004 tas-7 ta' Ġunju 2004.
- 5 Fis-6 ta' Settembru 2004, ir-rikorrenti, Calvin Klein Trademark Trust ressquet oppożizzjoni fir-rigward tar-reġistrazzjoni għat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, skont, b'mod partikolari, l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94.
- 6 L-oppożizzjoni hija bbażata fuq it-trade marks preċedenti li ġejjin:

- it-trade mark Komunitarja Nru 066172, irreġistrata għall-prodotti u għas-servizzi fil-klassijiet 3, 4, 8, 9, 14, 16, 18, 20, 21, 24, 25, 26, 27, 35 u 42, irrappreżentata iktar 'il quddiem:



- it-trade mark Spanjola Nru 202 3213, irreġistrata għall-prodotti fil-klassi 18, irrappreżentata iktar 'il quddiem:



- it-trade mark Spanjola Nru 202 8104, irreġistrata għall-prodotti fil-klassi 25, irrappreżentata iktar 'il quddiem:



- 7 L-oppożizzjoni hija bbażata fuq il-prodotti u s-servizzi kollha koperti mit-trade mark preċedenti u kienet magħmula kontra l-prodotti kollha indikati fl-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja.
- 8 Bid-deċiżjoni tat-22 ta' Diċembru 2005, id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-UASI ċaħdet l-oppożizzjoni fl-intier tagħha. Hija kkunsidrat li għall-konsumatur rilevanti ma teżisti l-ebda probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks inkwistjoni.
- 9 Fit-22 ta' Frar 2006, ir-rikorrenti ppreżentat rikors quddiem l-UASI, skont l-Artikoli 57 sa 62 tar-Regolament Nru 40/94, kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni billi invokat ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tal-imsemmi regolament.
- 10 Bid-deċiżjoni tad-29 ta' Marzu 2007 (iktar 'il quddiem "id-deċiżjoni kkontestata"), it-Tieni Bord tal-Appell ċaħad ir-rikors u kkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni. Huwa kkunsidra li ma hemmx xebħ biżżejjed bejn is-sinjal inkwistjoni sabiex tīgi konkluża l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni f'moħħ il-pubbliku rilevanti.

It-talbiet tal-partijiet

- 11 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġogħobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

- tordna li r-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni tiġi miċħuda;
- tikkundanna l-UASI u l-intervenjenti għall-ispejjeż.

¹² L-UASI jitlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġogħobha:

- tiċħad ir-rikors;
- tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

¹³ L-intervenjenti titlob li l-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġogħobha:

- tiċħad ir-rikors u tikkonferma d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

Fuq l-ammissibbiltà tat-tieni kap tat-talbiet tar-rikorrenti

- ¹⁴ Bit-tieni kap tat-talbiet tagħha, ir-rikorrenti titlob lill-Oorti tal-Prim'Istanza tordna lill-UASI jiċħad ir-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 63(6) tar-Regolament Nru 40/94, l-UASI għandu jieħu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti Komunitarja. Għalhekk, mhijiex il-Qorti tal-Prim'Istanza li għandha tindirizza ordni lill-UASI. Huwa dan tal-aħħar, fil-fatt, li għandu jislet il-konsegwenzi tad-dispożittiv u tal-motivi tas-sentenza preżenti [ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tal-31 ta' Jannar 2001, Mitsubishi HiTec Paper Bielefeld vs UASI (Giroform), T-331/99, Ģabrab p. II-433, punt 33, u tas-27 ta' Frar 2002, Eurocool Logistik vs UASI (EUROCOOL), T-34/00, ġabrab p. II-683, punt 12]. Għaldaqstant it-tieni kap tat-talbiet tar-rikorrenti huwa inammissibbli.

Fuq il-mertu

L-argumenti tal-partijiet

- ¹⁵ Ir-rikorrenti tinvoka motiv uniku, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94.
- ¹⁶ Ir-rikorrenti ssostni li l-analiżi tal-Bord tal-Appell hija żbaljata fir-rigward tal-paragun bejn is-sinjalji inkwistjoni u l-kunsiderazzjonijiet tal-probabilità ta' konfużjoni.

- 17 Dwar l-paragun tas-sinjali inkwistjoni, ir-rikorrenti tqis li, kuntrajament għal dak li hemm indikat fid-deċiżjoni kkontestata, l-element distintiv tat-trade marks inkwistjoni huwa kkostitwit mill-grupp ta' ittri "ck".
- 18 Dawn iż-żewġ ittri jispikkaw fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, b'mod li jolqtu l-għajn l-ewwel u jiġbdu l-attenzjoni tal-konsumatur. It-trade marks inkwistjoni jixxiebhu fl-element l-iktar distintiv tagħhom, u dan iwassal għal xebħ fonetiku bejn is-sinjali inkwistjoni.
- 19 Ir-rikorrenti ma taqbilx li l-karatru distintiv tal-grupp ta' ittri "ck" tat-trade marks preċedenti huwa oħla minn dak tal-grupp ta' ittri "ck" tat-trade mark li għaliha tkun saret l-applikazzjoni, biss minħabba rappreżentazzjoni grafika partikolari.
- 20 Ir-rikorrenti ssostni li, kuntrajament għal dak li huwa rikonoxxut fid-deċiżjoni kkontestata, l-użu tal-grupp ta' ittri "ck" mhuwiex iġġustifikat bil-kliem "creaciones" u "kennya", li ma jikkorrispondux għall-isem kummerċjali tal-intervenjenti, iżda huwa pjuttost spjegat mill-volontà li tersaq viċin it-trade mark preċedenti li għandha reputazzjoni.
- 21 Ir-rikorrenti tenfasizza li la l-kelma "creaciones" u lanqas il-kelma "kennya" ma għandhom karatru distintiv. L-ewwel hija użata fis-settur tal-modu biex tirreferi għall-mudelli ta' hwejjieg. It-tieni tista' tirreferi għal pajjiż Afrikan, il-Kenja, jew isem ta' persuna.
- 22 Għaldaqstant, it-trade mark CK CREACIONES KENNYA titqies bħala trade mark CK li tirrigwarda l-kollezzjoni "creaciones" (kreazzjonijiet) imsejħa "kennya" (Kenja), kemm għaliex hija inspirata mill-arti jew mill-kuluri tal-Kenja, kemm għaliex id-disinjatur tal-prodotti inkwistjoni għandu dan l-isem. Issa, l-ismijiet tal-pajjiżi ma għandhomx karatru distintiv u ma jistgħux jitqies bħala elementi li jippermettu li ssir distinzjoni bejn it-trade marks li wieħed ikun qed jipparaguna. Ir-rikorrenti ssostni li, f'din il-kawża, il-kelma "kennya" hija indikazzjoni ta' provenjenza żbaljata, għaliex

l-applikant tat-trade mark inkwistjoni huwa kummerċjant mill-belt Spanjola ta' Murcia li ma għandha l-ebda rabta mal-Kenja u li l-prodotti lanqas biss inxtraw minn dan il-pajjiż.

- ²³ Ir-riżultat kien ikun l-istess kieku l-kelma "kennya" kienet tirreferi għal isem ta' persuna, għaliex isem komuni muwiex fih innifsu distintiv. Dan il-fatt iżid il-konfużjoni għax ħa jagħti x'jifhem li huwa xi trade mark sussidjarja tat-trade mark CK, maħsuba minn persuna li jisimha "kennya" meta dan mhux il-każ. Ir-rikorrenti tqis, għalhekk, li l-kelma "kennya" mhijiex distintiva jew li għandha biss karattru distintiv dghajnej u li b'hekk, il-konsumatur ser jikkonċentra fuq l-element "ck" tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni, li hija magħmula mill-istess ittri bħal dawk li jifformaw it-trade marks preċedenti.
- ²⁴ Hija tosserva li t-trade marks preċedenti għandhom reputazzjoni importanti, li hija tali li tinforza l-eżistenza ta' xebħi bejn it-trade marks kontenju, b'mod partikolari mill-perspettiva viżiva u fonetika. Hija tenfasizza li huwa s-sinjal figurativ CK li huwa fil-fatt magħruf.
- ²⁵ Fil-fehma tar-rikorrenti, fis-settur tal-modha, huwa normali li prodotturi tal-ħwejjeġ jiġu identifikati mill-ittri li jifformaw l-akronimu ta' isimhom. Għalhekk, il-fatt li trade mark maħluqa b'ittri ta' akronimu toqrob lejn oħra juri biċ-ċar li huwa tentattiv biex tiġi kkopjata trade mark ta' terzi.
- ²⁶ Fis-settur tal-modha, huwa wkoll normali li l-istess impriżza tal-ħwejjeġ tuża trade mark sussidjarja, jiġifieri sinjali li joħorġu minn trade mark prinċipali u li jaqsmu magħha element dominanti komuni, sabiex jiddistinguhom mil-linji differenti ta' produzzjoni. B'hekk, il-fatt li l-grupp ta' ittri "ck" jinsab fit-trade marks kollha inkwistjoni, anki jekk l-ittri huma rrappreżentati bi grafika differenti, jista' joħloq konfużjoni f'moħħ il-konsumatur, li jista' jaħseb li s-sinjal CK CREACIONES KENNYA jirrigwarda linja ta' produzzjoni speċifika.

- 27 Insostenn ta' din it-teżi, ir-rikorrenti ssemmi bosta deċiżjonijiet tal-qrati Komunitarji, tat-tribunali Spanjoli, kif ukoll tal-UASI u tal-Uffiċju Spanjol tal-privattivi u tat-trade marks.
- 28 L-UASI u l-intervenjenti jikkontestaw il-fondatezza tal-argument tar-rikorrenti. B'mod partikolari huma jqisu li l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell, li tgħid li s-sinjal inkwistjoni jagħtu impressjoni globali differenti, hija korretta. L-UASI jirrileva wkoll li, sa fejn huwa s-sinjal figurattiv CK, li diġà għandu karattru distintivament intrisiku minħabba l-grafika partikolari tiegħu, li għandu reputazzjoni, ma għandux jiġi rikonoxxut lill-grupp ta' ittri "ck" miktuba b'karattri standard, jew lill-ħoss tiegħu, ir-reputazzjoni li l-Bord tal-Appell irrikonoxxa lit-trade marks preċedenti.
- 29 Barra minn hekk, l-UASI u l-intervenjenti jqisu li, fir-rigward tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, il-frażi "creaciones kennya" hija l-element dominanti, kemm fuq il-livell viżiv, minħabba t-tul tagħha, kif ukoll fuq il-livell kunċettwali, minħabba l-element ta' fantażija tagħha, filwaqt li l-grupp ta' konsonanti "ck", fid-dawl tal-grafika partikolari tagħhom, jikkostitwixxi l-element dominanti tat-trade marks preċedenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

- 30 Skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94, jekk issir oppożizzjoni minn proprjetarju ta' trade mark preċedenti, l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark ma għandhiex tīgi milqugħha jekk minħabba identiċità jew xebħ bejn iż-żewġ trade marks u l-identiċità jew xebħ tal-prodotti jew servizzi koperti mit-trade marks teżisti probabbilta' ta' konfużjoni f'moħħ il-pubbliku fit-territorju fejn it-trade mark preċedenti hija protetta.

- ³¹ Skont ġurisprudenza stabbilita, jikkostitwixxi probabbiltà ta' konfużjoni r-riskju li l-pubbliku jista' jaħseb li l-prodotti jew is-servizzi inkwistjoni joriġinaw mill-istess impiżi jew, skont il-każ, minn impiżi li għandhom rabta ekonomika bejniethom [sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tat-23 ta' Ottubru 2002, Oberhauser vs UASI — Petit Liberto (Fifties), T-104/01, Ġabra p. II-4359, punt 25; ara wkoll, b'analoġija, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, tad-29 ta' Settembru 1998, Canon, C-39/97, Ġabra p. I-5507, punt 29, u tat-22 ta' Ġunju 1999, Lloyd Schuhfabrik Meyer, C-342/97, Ġabra p. I-3819, punt 17].
- ³² Skont ġurisprudenza stabbilita wkoll, il-probabbiltà ta' konfużjoni għandha tiġi evalwata globalment, skont il-perċezzjoni li l-pubbliku rilevanti għandu tas-sinjal u tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi kollha li jikkaratterizzaw il-każ inkwistjoni, b'mod partikolari l-interdipendenza bejn ix-xebħ tas-sinjal u dik tal-prodotti jew servizzi koperti [ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tad-9 ta' Lulju 2003, Laboratorios RTB vs UASI — Giorgio Beverly Hills (Giorgi vs GIORGIO BEVERLY HILLS), T-162/01, Ġabra p. II-2821, punti 30 sa 32].
- ³³ Barra minn hekk, iktar ma tkun distintiva t-trade mark preċedenti, iktar tkun għolja l-probabbiltà ta' konfużjoni. B'hekk, it-trade marks li għandhom karattru distintiv għoli, intrinsikament jew minħabba li jkunu magħrufin fis-suq, igawdu minn protezzjoni iktar wiesgħha minn dawk li għandhom karattru distintiv iktar baxx (ara, b'analoġija, is-sentenza Lloyd Schuhfabrik Meyer, iċċitat iktar 'il fuq, punt 20).
- ³⁴ Barra minn hekk, il-perċezzjoni tat-trade marks li għandu l-konsumatur medju tal-prodotti jew tas-servizzi inkwistjoni għandha rwol determinanti fl-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni. Normalment, il-konsumatur medju jipperċepixxi trade mark bħala xi ħaġa sħiħa u ma joqgħodx jeżamina d-dettalji differenti tagħha (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-11 ta' Novembru 1997, SABEL, C-251/95, Ġabra p. I-6191, punt 23, u Lloyd Schuhfabrik Meyer, iċċitat iktar 'il fuq, punt 25). Għall-finijiet ta' din l-evalwazzjoni globali, il-konsumatur medju tal-prodotti kkonċernati huwa meqjus li huwa normalment informat u raġonevolment attent u avżat (sentenza Lloyd Schuhfabrik Meyer, iċċitat iktar 'il fuq, punt 26).

- 35 F'din il-kawża, għandu jiġi osservat, preliminarjament, li l-partijiet mhumiex qiegħdin jikkontestaw l-identiċità tal-prodotti inkwistjoni.
- 36 Barra minn hekk, mid-deċiżjoni kkontestata, li mhijiex ikkontestata fuq dan il-punt, jirriżulta li, sa fejn it-trade marks preċedenti huma kkostitwiti minn żewġ regiestrazzjoni jiet Spanjoli u waħda Komunitarja u sa fejn il-prodotti inkwistjoni huma intiżi għall-pubbliku inġenerali, il-pubbliku rilevanti huwa magħmul mill-konsumaturi medji tal-prodotti fi Spanja u fil-Komunità.
- 37 Min-naħħa l-oħra, ir-rikorrenti tikkontesta l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell dwar ix-xebħ tas-sinjali kontenzjużi u l-konklużjoni li ġiet ibbażata fuqha fir-rigward tal-probabbiltà ta' konfużjoni. Għalhekk għandu jiġi eżaminat jekk il-Bord tal-Appell żbaljax meta ddeċieda li teżisti biżżejjed differenza bejn is-sinjali kontenzjużi sabiex tiġi eskuża, f'moħħ il-pubbliku rilevanti, l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni.
- Fuq ix-xebħ tas-sinjali
- 38 Għal dak li jikkonċerna x-xebħ viżiv, fonetiku jew kunċettwali tas-sinjali kontenzjużi, l-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni għandha tkun ibbażata fuq l-impressjoni ġenerali prodotta minn dawn, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-elementi distintivi u dominanti tagħhom [ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tal-14 ta' Ottubru 2003, Phillips-Van Heusen vs UASI — Pash Texilvertrieb u Einzelhandel (BASS), T-292/01, Ġabra p. II-4335, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata].
- 39 Barra minn hekk hija ġurisprudenza stabbilita li trade mark kumplessa u trade mark oħra, identika jew li għandha xebħ ma' wieħed mill-komponenti tat-trade mark kumplessa, jistgħu jitqiesu bħala li jixxiebhu biss meta dan il-komponent jikkostitwixxi l-element dominanti fl-impressjoni globali li tagħti t-trade mark kumplessa. Dan ikun il-każ meta dan il-komponent ikun jista' jiddoma waħdu l-immaġni tat-trade mark li l-pubbliku rilevanti jżomm f'moħħu, b'tali mod li l-komponenti kollha l-oħra tat-trade

mark ikunu irrilevanti fl-impressjoni globali mogħtija minnha [sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tat-23 ta' Ottubru 2002, Matratzen Concord vs UASI — Hukla Germany (MATRATZEN), T-6/01, Ģabro p. II-4335, punt 33, u tat-18 ta' Ottubru 2007, Ekabe International vs UASI — Ebro Puleva (OMEGA3), T-28/05, Ģabro p. II-4307, punt 43].

- 40 Madankollu, ma għandux jittieħed inkunsiderazzjoni biss komponent ta' trade mark kumplessa u jiġi pparagunat ma' trade mark oħra. Kuntrarjament, tali paragun għandu jsir billi jiġu eżaminati t-trade marks inkwistjoni, kull waħda kkunsidrata globalment (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, tat-12 ta' Ġunju 2007, UASI vs Shaker, C-334/05 P, Ģabro p. I-4529, punt 41; tal-20 ta' Settembru 2007, Nestlé vs UASI u Quick, C-193/06 P, mhux ippubblikata fil-Ġabro, punt 35, u MATRATZEN, iċċitat iktar 'il fuq, punt 34).
- 41 F'din il-kawża, għandu jiġi rrilevat, kif jirriżulta mill-punt 7 tad-deċiżjoni kkontestata, li s-sinjal figurattivi li huma s-suġġett tal-applikazzjoni preċedenti huma magħmula minn grupp ta' ittri "ck", miktub b'ittri kbar u b'ittri stampati, bit-tieni ittra, il-"k" li hija itwal u ikbar mill-ewwel ittra, is-‐c, li hija, min-naħa tagħha, iktar fiċ-ċentru mill-‐k". It-trade mark Komunitarja preċedenti għandha wkoll il-kliem "calvin klein", miktuba b'ittri ġafna iżgħar mill-ittri "c" u "k". Barra minn hekk, it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni hija trade mark verbali magħmula minn tliet elementi, jiġifieri mill-grupp ta' ittri "ck", segwit mill-kliem "creaciones" u "kennya".
- 42 Ir-rikorrenti tallega li l-element "ck" jikkostitwixxi l-element distintiv u dominanti tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni. Madankollu għandu jiġi kkonstatat, kif isostni l-UASI, li l-kliem "creaciones kennya" jokkupaw, minħabba d-daqs tagħhom, pożizzjoni ġafna iktar importanti mill-grupp ta' kliem "ck" u jifforma unità sintattika u kunċettwali li tiddomina fuq din it-trade mark kollha.

- 43 Fil-fatt, għalkemm it-tifsira preċiżha tal-element “creaciones kennya” hija inċerta, għaliex tista’ tintiehem kemm bħala riferiment għall-isem ta’ disinjatur tal-mod, u kemm bħala espressjoni ta’ fantasija pura, hija għandha karatru distinivament ċert għall-oġġetti tal-ħwejjeġ u l-aċċessorji tal-mod fil-klassijiet 18 u 25. Barra minn hekk, dan il-karatru distintiv ma jitqiegħedx fid-dubju mill-konessjoni li tista’ tinħoloq f’moħħ il-pubbliku rilevanti bejn il-kelma “kennya” u l-pajjiż tal-Kenja, fid-dawl tal-ortografija differenti ta’ dawn iż-żewġ kelmiet. L-argumenti tar-rikorrenti li jikkontestaw il-karatru distintiv tal-element “creaciones kennya” għandhom għalhekk jiġu miċħuda.
- 44 Barra minn hekk, kif il-Bord tal-Appell irrileva fil-punt 26 tad-deċiżjoni kkontestata, l-element “ck” jikkorrispondi għall-ewwel ittri tal-kliem “creaciones” u “kennya”, kliem li jiddefinixxu l-oriġini u jispiegaw il-preżenza tagħhom. Bil-mod ta’ kif huwa ppreżentat fl-applikazzjoni għal trade mark, l-element “ck” jokkupa, għalhekk, pożizzjoni sekondarja fir-rigward tal-element “creaciones kennya”.
- 45 Minn dan isegwi li hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-konsumatur ikkonċernat ħa jiftakar l-iktar il-kliem “creaciones kennya”, li fuqhom ħa jiffoka u jitfa’ l-attenzjoni prinċipali tiegħu. Iċ-ċirkustanza, invokata mir-rikorrenti, li l-grupp ta’ ittri “ck” jidhru fl-ewwel lok fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni, ma tbiddil din l-evalwazzjoni. Għalkemm huwa minnu li l-konsumatur medju jagħti, b'mod ġenerali, iktar attenzjoni lill-elementi li jinsabu fil-bidu ta’ trade mark, iċ-ċirkustanzi partikolari ta’ ċerti trade marks jistgħu jkunu ta’ eċċeżżjoni għal din ir-regola [ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim’Istanza, tal-20 ta’ Novembru 2007, Castellani vs UASI — Markant Handels und Service (CASTELLANI), T-149/06, Ġabra p. II-4755, punt 54]. F’din il-kawża, għar-raġunijiet mogħtija fil-punti 42 sa 44 iktar ‘il fuq, il-pożizzjoni solitarja tal-grupp ta’ ittri “ck” fil-bidu tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni mhijiex biżżejjed biex tagħmilha l-element dominanti fl-impressjoni globali li tagħti din it-trade mark.
- 46 Fir-rigward tax-xebħ bejn is-sinjal mill-perspettiva viżiva, hemm lok, għalhekk, li jiġi rrilevat li l-Bord tal-Appell kien korrett meta kkunsidra li t-trade marks kontenzjużi kienu differenti. Fil-fatt, filwaqt li t-trade marks precedingi huma komposti mill-element uniku jew dominanti “ck”, irrapreżentat bi grafika partikolari li, kif il-Bord tal-Appell irrileva f’punt 22 tad-deċiżjoni kkontestata, tagħti lil dawn it-trade marks

karatru distintivamente intrinsiku, l-impressjoni globali li tagħti t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni hija ddominata mill-element “creaciones kennya”.

- ⁴⁷ B'hekk, l-uniku xebħi viżiv bejn l-element figurattiv uniku jew dominanti “ck” tat-trade mark preċedenti u l-element “ck” tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni ma jippermettix li jinħoloq xebħi viżiv bejn it-trade marks kontenzjużi, fid-dawl, minn naħa, tal-impressjoni globali li tagħti t-trade mark CK CREACIONES KENNYA u, min-naħa l-oħra, tar-rappreżentazzjoni grafika partikolari li tikkaratterizza t-trade marks preċedenti, jiġifieri d-daqs iżgħar u l-pożizzjoni central tal-ittra “c” meta mqabbla mal-ittra “k”.
- ⁴⁸ F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat, kif il-Bord tal-Appell irrileva fil-punt 23 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-eżami tax-xebħi bejn it-trade marks konenzjuži jieħu inkunsiderazzjoni dawn it-trade marks fl-intier tagħhom, hekk kif huma rreġistrati jew hekk kif saret l-applikazzjoni. Issa, trade mark verbali hija trade mark magħmula eskużiżiav minn ittri, minn kliem jew minn assoċċazzjoni ta’ kliem, miktuba b’ittri stampati b’tipa standard, mingħajr element grafiku spċificu. Il-protezzjoni miksuba mir-reġistrazzjoni ta’ trade mark verbali tirrigwarda l-kelma indikata fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u mhux l-aspett grafiku jew stilistiku partikolari li din it-trade mark jista’ eventwalment ikollha. Għalhekk, għall-finijiet tal-eżami tax-xebħi, ma hemmx lok li tittieħed inkunsiderazzjoni r-rappreżentazzjoni grafika li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni jista’ jkollha fil-futur [ara, f’dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim’Istanza, tal-20 ta’ April 2005, Faber Chimica vs UASI — Nabersa (Faber), T-211/03, Ģabrab p.II-1297, punti 36 u 37; tat-13 ta’ Frar 2007, Ontex vs UASI — Curon Medical (CURON), T-353/04, mhux ippubblikata fil-Ġabrab, punt 74, u tat-22 ta’ Mejju 2008, Radio Regenbogen Hörfunk in Baden vs UASI (RadioCom), T-254/06, mhux ippubblikata fil-Ġabrab, point 43].
- ⁴⁹ Il-Bord tal-Appell kelli raġun anki fuq il-livell fonetiku meta kkonstata li t-trade marks kontenzjużi ma kinu simili. Kif josserva l-UASI, ir-riferiment għat-trade marks preċedenti jsir permezz tal-grupp ta’ ittri “ck”, jew saħansitra permezz tal-kliem “calvin klein”, u dan anki meta s-sinjal preċedenti ma jurix dawn tal-aħħar, tant hu ċar li s-sinjal figurattiv CK, fir-rappreżentazzjoni grafika standard, jirreferi għall-produttur u disinjatur famuż tal-oġġetti tal-modha Calvin Klein.

50 Min-naħħa l-oħra, riferiment għat-trade mark li ġħaliha saret l-applikazzjoni jseħħ kemm meta wieħed jgħid biss il-kliem “creaciones kennya”, kif ukoll meta jgħid l-espressjoni “ck creaciones kennya” fl-intier tagħha. F’kull każ, muhuwiex probabbli wisq li r-riferiment għat-trade mark li ġħaliha saret l-applikazzjoni CK CREACIONES KENNYA jsir billi jintqal il-grupp ta’ ittri “ck” biss, inkwantu, minħabba n-natura ftit li xejn magħrufa tagħhom, hemm lok li jiġi spjegat b’mod espliċiutu r-riferiment għall-kliem “creaciones kennya”.

51 Fuq il-livell kunċettwali, il-Bord tal-Appell ma wettaqx żball meta kkunsidra li l-kliem “creaciones kennya”, li minnhom jitnissel il-grupp ta’ ittri “ck”, joħolqu differenza kunċettwali fir-rigward tat-trade mark preċedenti. Il-Bord tal-Appell, f’punt 27 tad-deċiżjoni kkontestata, ġustament irrileva li, filwaqt li l-grupp ta’ ittri “ck” tat-trade mark li ġħaliha saret l-applikazzjoni joriġina mill-kliem “creaciones kennya”, il-grupp ta’ ittri “ck” li jifforma t-trade marks preċedenti jirreferi għall-produttur u disinjatur famuż tal-oġġetti tal-modha Calvin Klein.

52 Minn dak li ntqal preċedentement jirriżulta li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball meta kkunsidra li t-trade marks kontenzjużi ma kinux jixxiebhu. Fil-fatt, l-eżami tat-trade marks mill-perspettiva viżiva, fonetika u kunċettwali juri li l-impressjoni globali li jagħtu t-trade marks preċedenti hija ddominata mill-element uniku jew dominati “ck” filwaqt li dik maħluqa mit-trade mark li ġħaliha saret l-applikazzjoni hija ddominata mill-element “creaciones kennya”. In-nuqqas ta’ xebħ bejn is-sinjal kontenzjużi jirriżulta mid-differenzi viżivi, fonetiċi u kunċettwali kkonstatati iktar ’il fuq.

— Fuq il-probabbiltà ta’ konfużjoni

53 Fid-dawl tal-eżami tax-xebħ bejn it-trade marks kontenzjużi, il-Bord tal-Appell kellu raġun meta kkunsidra li ma kienx hemm lok għall-probabbiltà ta’ konfużjoni.

- ⁵⁴ L-identiċità tal-prodotti koperti mit-trade marks inkwistjoni ma tbiddilx din l-evalwazzjoni, peress li s-sinjal kontenzjużi ma jixxibhux. Kif il-Bord tal-Appell irrileva f'punt 58 tad-deċiżjoni kkontestata, mit-trade mark li ġħaliha saret l-applikazzjoni jirriżulta b'mod ċar li l-grupp ta' ittri "ck" jirreferi ġħall-kliem "creaciones kennya", li jiddistingu mingħajr ambigwità t-trade mark li ġħaliha saret l-applikazzjoni mit-trade marks preċedenti. Peress li x-xebħ bejn is-sinjal kontenzjużi hija rekwiżit ġħall-għarfien ta' probabbiltà ta' konfużjoni, u b'hekk, il-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' tali xebħ tipprekludi l-possibbiltà li l-probabbiltà ta' konfużjoni tiġi aċċettata [ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tat-18 ta' Diċembru 2008, Torres vs UASI — Sociedad Cooperativa del Campo San Ginés (TORRE DE BENÍTEZ), T-16/07, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 74].
- ⁵⁵ Għandu jiġi rrilevat ukoll li r-rikorrenti tinvoka r-reputazzjoni tal-element figurattiv CK, komuni għat-trade marks preċedenti u kkaratterizzata bi grafika partikolari. Ĝħalkemm il-ġurisprudenza tagħraf li t-trade marks li jiddisponu minn karattru distintiv ġholi minħabba r-reputazzjoni tagħhom għandhom igawdu minn protezzjoni iktar wiesgħa (ara punt 33 iktar 'il fuq), l-għarfien, f'din il-kawża, tar-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti mhijex ta' natura li tikkonfuta l-fondatezza tal-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell, li tgħid li, b'mod partikolari minħabba d-diverġenzi fl-elementi dominanti rispettivi tagħhom, l-impressjoni globali li t-trade marks kontenzjużi joħolqu hija wisq differenti sabiex tkun tista' tiġi kkonstatata probabbiltà ta' konfużjoni.
- ⁵⁶ Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-pubbliku rilevanti jista' jifhem it-trade mark li ġħaliha saret l-applikazzjoni bħala trade mark sussidjarja tiegħu, għandu jiġi osservat, kif issostni r-rikorrenti stess, li trade mark sussidjarja hija kkaratterizzata minn sinjal li joħorġu mit-trade mark prinċipali u li jaqsam miegħu element dominanti komuni [sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tas-6 ta' Ottubru 2004, New Look vs UASI — Naulover (NLSPORT, NLJEANS, NLACTIVE u NLCollection), T-117/03, T-119/03 T-171/03, Ġabra p. I-3471, punt 51]. Issa, f'din il-kawża, it-trade marks kontenzjużi ma jaqsmux l-element dominanti komuni. Fil-fatt, kif digħi għie kkonstatat bosta drabi iktar 'il fuq, it-trade marks preċedenti huma ddominati jew eskużiżiav kcostitw mill-element figurattiv CK, filwaqt li t-trade mark li ġħaliha saret l-applikazzjoni hija, min-naħħa tagħha, iddominata mill-element verbali distintiv "creaciones kennya".

- 57 Minn dak li ntqal précédentement jirriżulta li l-Bord tal-Appell ma wettaqx żball meta kkonkluda li ma teżistix probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u t-trade marks précédentti. Ir-rikors, għalhekk, għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

- 58 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza, il-parti li titlef il-kawża għandha tbat i l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-rikorrenti tilfet il-kawża, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-UASI u mill-intervenjenti.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (Is-Sitt Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Calvin Klein Trademark Trust hija kkundannata għall-ispejjeż.

Meij

Vadapalas

Moavero Milanesi

Mogħtija f'Qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-7 ta' Mejju 2009.

Firem